**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 79 / 12 RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fl-10 ta' April 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg, anness u mmarkat bhala Dokument 'A'.

2. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin u dan a bazi ta' sentenza li nghatat nhar is-16 ta' Settembru 1996 (Citazzjoni Numru 128/95 VDG) mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'C B pro et noe vs A B'.

3. Illi permezz ta' din id-decizjoni r-rikorrent gie ordnat jissomministra s-somma ta' sebghin lira Maltin (LM70) fix-xahar bhala manteniment ghall-martu l-intimata.

4. Illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent inbidlu drastikament u llum mhuwiex f'posizzjoni li jhallas dan il-manteniment minhabba tnaqqis sostanzjali fl-introjtu tieghu u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Illi inoltre, ir-rikorrent jaf illi martu l-intimata, li ghandha relazzjoni adultera, hi kapaci tahdem u illum ghandha impjieg u tista' tmantni lilha innifisha.

6. Illi l-esponent talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f'dina l-istanza kontra martu.

7. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex jintlahaq ftehim bonarju bejn il-partijiet izda dan sar inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tvarja s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet C B vs A B (Citazzjoni Numru 128/95 VDG) fil-parti li permezz taghha laqghet it-tielet talba ta' l-intimata u ikkundannat lir-rikorrent ihallas lill-intimata bhala manteniment ghaliha is-somma ta' LM 70 fix-xahar;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand zewgha 1-esponent;

iii. Subordinatament u biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-tieni talba, tiddikjara u tiddeciedi illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent inbidlu b'mod illi huwa m'ghandux mezzi sufficjenti sabiex jissomministra l-manteniment li gie ordnat ihallas fis-sentenza tas-16 ta' Settembru 1996 u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata hija kapaci tmantni lilha innifisha u ghandha introjtu minn impjieg u ghaldaqstant inbidlu c-cirkostanzi minn dakinhar li inghatat is-sentenza ta' separazzjoni personali fis-16 ta' Settembru 1996;

iv. Alternattivament u biss fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-tieni u t-tielet talbiet, tirrevedi l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata billi tillikwida l-manteniment f'somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi rilevanti tal-kontendenti, b'mod partikolari d-dhul attwali tar-rikorrent u dak percepit minnu fid-data tad-decizjoni tas-16 ta' Settembru 1996, u d-dhul attwali ta' l-intimata.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li taqra kif gej:-

Illi m'hemm l-ebda cirkostanzi validi fil-ligi l-ghala ghanda tigi vvarjata b'xi mod is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat sittax (16) ta' Settembru 1996 fl-ismijiet C B vs. A B -128/95/VDG);

Illi m'huwiex minnu illi jezistu dawk ic-cirkostanzi li a bazi taghhom l-intimata iddekadiet minn kwalsiasi dritt sabiex tibqa' tippercepixxi manteniment mir-rikorrenti;

Illi m'huwiex minnu illi c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrenti inbidlu tant li ma jistax jibqa' jmatni lill-intimata skont kif ordnat is-sentenza de quo;

Illi l-introjtu annwali li ggenerat l-intimata mill-impjieg taghha ghas-sena 2011 kien fl-ammont ta' €884 liema ammont certament m'huwiex bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha hekk kif qed jallega r-rikorrenti;

Illi din il-kawza mressqa minn A B m'hija xejn ghajr tenttativ fjakk halli dan jipprova jezonera ruhu minn obbligi importanti li jibqa' jmatni l-intimata skont is-sentenza de quo peress illi llum huwa qed jghix ma' habiba li minnha se jkollu tarbija;

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2012, fejn gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju l-Avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat ix-xhieda tal-konvenuta, C B li xehdet fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2012, u fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attur li xehed fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2012;

Rat x-xhieda tal-partijiet li xehedu fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2014 mizmuma mill-Assistent Giudizzjaru;

Rat ix-xhieda ta’ Danica B, bint il-partijiet li xehedhet fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ic-certifikat mediku dwar Neil B, fol. 78 tal-process;

Rat ix-xhieda tal-attur, li rega’ xehed quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2015.

Rat n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturipprezentata fit-2 ta’ Lulju 2015, fol. 88 tal-process;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2015, fol. 101. Tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat.

**IL-PROVI.**

L-attur xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju (fol. 64). Hu ddikjara li fil-present ghandu relazzjoni ma' persuna ohra, u ilu fiha ghal hmistax (15) il-sena. Ic-cirkostanzi li wassluh biex jipprocedi b'din l-kawza kienu li minn din ir-relazzjoni, kellu tifel, u li ghalkemm ghadu fl-istess impieg li kellu qabel, ma' Super One Productions, fejn illum hu direttur, id-dhul naqaslu billi tnaqqsu s-sieghat tax-xoghol, u l-ispejjez zdiedu. Fejn xi sena u nofs qabel kien jaqla' madwar Euro1,400 fix-xahar, illum jaqla' Euro1,000 jew Euro1,100, dan jiddependi jekk ikollhux Euro50 shift allowance.

Hu ddikjara li meta nghatat is-sentenza fin-1996, l-income tieghu kien ahjar. Ilu kwazi erba' snin ma jaghmel overtime, u ma jistax jaghmel xoghol ghall-rasu. Sa sitt snin qabel kien ghadu jghix mal-genituri tieghu, meta xtara l-flat fejn jirrisjedi illum.

Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, (fol.82) l-attur kkonferma li ibnu Neil kien isofri mill-kondizzjoni msejha *auditory neuropathy*, li kellu jmur Londra ghall-kura u fejn dam tlettax-il gurnata u nefaq Euro3,000, pero' l-ispejjez tat-tifel u l-flights thallsu mill-Gvern. Din il-kondizzjoni medika hi rari hafna, u f'Malta hawn tifla ohra biss li tbaghti minnha. Billi t-tifel tilef is-smiegh, nghata apparat specjali li jirrikjedi l-uzu ta' batteries specjali biex issir l-*activation* tal-*implants*. Jinhtieg operazzjoni li ssir Malta, pero' ma hawnx specjalista ghal pre-op u post-op, u ghalhekk ser jkun kostrett jmur Londra, drabi ohra, vjaggi li naturalment jkollu jhallas ghalihom, apparti l-ghajnuna finanzjarja tal-Gvern.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol 44, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, l-attur ipprezenta Dok RT document tad-Dipartiment tat-taxxi Interni li minnu jirrizulta li martu ghas-Sena ta' Stima 1998, iddikjarat li qalghet £M1063, skont id-dokument fol.41 bejn is-sena 1982 u 2006 hadmet bhala cleaner, hajjata u factory worker ma' diversi kumpaniji fosthom Bortex, Playmobil, Brand International u ohrajn. Mid-dokument fol.42 tal-process jirrizulta li xtrat l-

appartament numru 6, Binja K, Qasam tad-Djar tal-Gvern Haz-Zabbar fil-31 ta' Jannar 2002 bil-prezz ta'£M18,000.

Il-konvenuta xehdet fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fol. 35 et seq tal-process. Hi kkonfermat li zzewgu fil-11 ta' Dicembru 1987 u sseparaw b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru 1996. Skont din is-sentenza l-Qorti rriteniet li t-tnejn kellhom tort, anke jekk l-aktar r-ragel, li gie ordnat ihallasha £M70 manteniment ghaliha u £M90 fix-xahar ghall-minuri Glenn u Danika, li llum huma maggiorenni.

Hi kkonfermat li minn-1996 baqghet tircevi regolarment il-manteniment minn ghand ir-ragel ta' £M70 fix-xahar, ekwivalenti ghal Euro163 fix-xahar. Hi ddikjarat li tahdem part time casual bhala cleaner f'restaurant jismu Nan Yuan li jinsab fil-Valletta Waterfront. Ilha f'dan ix-xoghol xi sitt snin u taqla' circa Euro75 fix-xahar, tithallas bir-rata ta'Euro2.25 fis-siegha. Kkonfermat li qabel z-zwieg kienet tahdem bhala hajjata fil-fabbriki, pero'qalet li qatt ma hadmet mal-Playmobil. Iddikjarat wkoll, li wara li sseparat, kienet tohrog ma' grupp ta' hbieb, u kkonkludiet hekk:

"Jiena qatt ma ghixt ma' bniedem fid-dar li ghandi, gieli kelli date ma' ragel. Relazzjoni intima kelli imma mhux li ndum ma' dan ir-ragel. Bhalissa jiena ma jien qieghda ma' hadd. Gieli kont niltaqa' ma' bniedem nkunu flimkien. Jien qatt ma kelli ragel li jien ghidtlu biex jigi joqghod mieghi fid-dar. Relazzjonijiet ma' rgiel kelli off and on. Qed nirreferi ghal relazzjoni intima. Kif diga'xhedt jiena qatt ma' dahhalt ragel li joqghod mieghi fid-dar, lanqas dawk li kelli relazzjonijiet intimi maghhom".

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2012. Fol.46 iccarat li mill-playmobil kienet igib ix-xoghol u tahdem mid-dar, pprezentat Dok CT fol.39 li minnu jirrizulta li fis-sena 2011 qalghet Euro884. Hi ddikjarat li dejjem taghmel l-istess numru ta' sieghat tahdem biex ma taqbizx il-kwota billi tircevi beneficcju socjali ta' Euro163 fix-xahar. Hi ddikjarat hekk, fol.47:

"Jiena ma nixtieqx nahdem izjed milli nahdem. Jiena nahdem biex nghid ghandi biex inhallas il-kontijiet u noqhod attenta li ma naqbizx il-kwota ghax inkella jonqosli l-beneficcju socjali li jien qed niehu".

Bint il-kontendenti, Danica B, ddikjarat li ommha tahdem part-time f'canteen mill-ghaxra ta' fil-ghodu sas-siegha ta' wara nofs in-nhar, fol.74, u li ma tahdihmx kulljum.

**IL-LIGI.**

Artikolu 38 tal-Kap. 16 :

"Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra"

Artikolu 48 tal-Kap.16:

(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:

(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kas,li taghtiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

Artikolu 21 tal-Kap. 16:

(1) Meta minn jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment, kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun mnaqqsa is-somma tal-manteniment,skont ma jkun il-kas.

(2) Dan jghodd ukoll jekk il-bzonn ta' min jkun jircevi l-manteniment jispicca ghal kollox jew f'parti.

Artikolu 54 (9) tal-Kap. 16 :

Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partjiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitnaqqas skont il-kas.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attur qed jitlob li tigi varjata s-sentenza tas-16 ta' Settembru 1996, fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 128/95VDG, li kkundannatu ihallas manteniment lil martu fl-ammont ta' Lm70 ekwivalenti ghal Euro163 fix-xahar, li l-konvenuta tigi ddikjarata li ddekadiet li tippercepixxi manteniment minn ghandu, u subordinatament, jekk il-Qorti tichad it-tieni talba, li tiddikjara li c-cirkostanzi nbidlu b'mod li l-attur ma ghandux mezzi sufficjenti biex jibqa' jhallas dan il-manteniment, u li l-konvenuta hi kapaci tmantni lilha nnifisha, alternattivament, jekk it-tieni u it-tielet talba jigu michuda, li l-istess manteniment jigi ridott, stante c-cirkostanzi attwali tal-partijiet.

Il-konvenuta tikkontesta li kien hemm bdil fic-cirkostanzi, u ghalhekk issostni li t-talba biex tigi varjata is-sentenza imsemmija, mhiex giustifikata. L-introjtu taghha ghas-sena 2011 kien Euro884, li hu insufficjenti biex tmantni ruhha u l-attur ghandu familja ohra u ghal din r-raguni jrid jinheles mill-obbligu li jibqa' jmantniha.

Effettivament irrizulta mill-provi li illum l-attur ghandu familja ohra, relazzjoni stabbli ghal aktar minn 15 il-sena, u minn din r-relazzjoni twieled Neil, fid-29 ta' Mejju 2012. Ic-certifikat mediku, fol. 78 et seq, jikkonferma li t-tifel isofri minn *bilateral profound hearing loss, probably congenital*. Jirrikjedi trattament specjalizzat anke fl-Ingilterra, u l-attur qieghed ghalhekk jinkorri spejjez kbar, ghalkemm irrizulta wkoll li jircievi ghajnuna finanzjarja mill-Gvern.

Kif gie rapportat supra, l-konvenuta ammettiet, kemm fis-seduta tat-22 ta'Ottubru 2012, kif ukoll f'dik tal-15 ta' Jannar 2014, li kellha relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel. F'dan ir-rigward il-konvenuta ssostni illi hija qatt ma dahlet ragel jghix maghha fir-residenza taghha u ghalhekk tqis li r-relazzjonijiet karnali li hija kellha ma' diversi rgiel m'ghandhomx iwasslu ghad-dekadenza mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand zewgha l-attur.

Ikkunsidrat;

In tema legali ghandu jinghad illi l-gurisprudenza nostrana taghmel distinzjoni bejn manteniment *ex contractu* u manteniment stabbilit gudizzjarjament. Fil-kawza "***Mary Vella vs Mario Vella***" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1996 gie dikjarat li varjazzjoni ta' manteniment li jkun gie patwit mill-partijiet f'separazzjoni konsenswali tirrekjedi kriterji aktar rigidi u gravi, minn talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit mill-Qorti.

Fil-kas in ezami qed issir talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment stabbilit b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru 1996, il-kawza tas-separazzjoni personali bejn l-istess partijiet.

Gie ppruvat sodisfacentement mill-attur illi hemm diversi cirkostanzi rilevanti li nbiddlu mat-trapass taz-zmien. Jirrizulta illi meta giet deciza il-kawza fis-sena 1996 il-konvenuta ma kinitx tahdem mentri irrizulta mill-provi li illum tahdem, u ghandha potenzjal biex tahdem izjed, mhux biss *part time* izda jekk trid anke *full time*. Il-konvenuta, evidentement karenti minn kuxjenza socjali, *ex admissis* tiddikjara illi ma tahdimx *full time* sabiex ma titlifx il-beneficcji socjali li tircievi. Mhux kontestat illi l-konvenuta kapaci tahdem full time. Jirrizulta mill-atti l-konvenuta addirittura ghandha s-sengha ta' hajjata. Il-konvenuta xhedet li tahdem part-time gewwa canteen. Il-Qorti, wara li qieset il-provi rilevanti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-agir tal-konvenuta f'dan ir-rigward huwa mhux biss leziv tad-drittijiet tal-attur izda wkoll jammonta ghal abbuz mis-sistema tas-servizzi socjali ta' pajjizna. Huwa lesiv ghad-drittijiet tal-attur ghaliex fis-sentenza taghha tas-sena 1996 il-Qorti kienet ikkundannat lill-attur odjern ihallas lill-konvenuta manteniment ghaliex irrizulta li ma kelliex mezzi ta' ghixien. L-agir tal-konvenuta pero' jammonta wkoll ghal abbuz tal-fondi pubblici. Huwa

ghalhekk li l-Qorti ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali sabiex il-kaz jigi nvestigat skont il-ligi.

Jirrizulta wkoll li anke c-cirkostanzi tal-attur nbidlu, billi indubbjament l-ispejjez li tirrikjedi l-kondizzjoni medika tat-tifel li huwa ghandu fil-familja l-gdida tieghu, li tinvolvi vjaggi ghal Londra ghal-kura, tincidi konsiderevolment fuq il-posizzjoni finanzjarja tieghu.

Konsidrat il-kumpless tal-provi kollha mressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenuta tilfet id-dritt li tippercepixxi l-manteniment minghand zewgha kif ordnat bis-sentenza tas-sena 1996 primarjament ghar-ragunijiet segwenti:-

1) Il-konvenuta ikkommettiet adulterju ma' diversi rgiel sussegwenti ghas-sentenza ta' separazzjoni pronunzjata fis-sena 1996. Ghalkemm ma jirrizultax bi precizzjoni meta sehh l-ewwel adulterju, il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha tistabbilixxi d-data li tmur lura hames snin mill-jum li fih giet ipprezentata l-kawza odjerna u cioe' l-10 ta' April 2007. Dan ghaliex fi kliema stess il-konvenuta kellha diversi relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel fuq medda ta' snin.

2) Il-konvenuta kapaci tahdem full-time izda qeghda intenzjonalment tahdem part-time sabiex ma titlifx il-beneficcji socjali li ilha ghal diversi snin tippercepixxi.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, u tiddikjara illi irrizultaw cirkostanzi illi jwasslu ghall-bdil ta' dak li gie deciz fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Settembru 1996 fejn jirrigwarda l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet b'effett mill-10 ta' April 2012 mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha minhabba l-adulterju minnha kommess.

3. Tastjeni ghalhekk milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u tar-raba' talba attrici.

4. **Tordna li a kariku tar-Registratur kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata bil-mezz tal-Marixxall lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**